# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 15**

**Ċitazzjoni numru 623/05 JPG**

**Victor Mifsud u martu Frances Mifsud**

**v.**

**Victor Spiteri u martu Mary Grazia Spiteri, u b'digriet tat-12 ta' Mejju 2017, stante l-mewt ta' Victor Spiteri, l-atti ġew trasfużi f'isem Orazio Spiteri, Maria Loreta Spiteri u Giovanna Antida Parrant, aħwa Spiteri**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-imħarrkin minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ottubru, 2014[1] (minn issa 'l hemm

[1] Bis-saħħa ta' digriet mogħti fid-29 ta' April, 2016, fuq rikors tal-atturi tad-29.10.2014 dwar "*omissa decisio*", l-ewwel Qorti ordnat li fuq is-somma likwidata fis-sentenza appellata kellu jibda miexi l-imgħax b'seħħ minn dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata sal-jum tal-ħlas effettiv

imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti (i) astjeniet milli tieħu qies aktar tal-ewwel eċċezzjoni in vista tas-sentenza preliminari tat-30 ta' Novembru, 2006; (ii) ċaħdet it-tieni eċċezzjoni; (iii) laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-imħarrkin; (iv) laqgħet l-ewwel erba' talbiet attriċi b'dan illi ssib li l-vettura mibjugħa lill-atturi mill-imħarrkin hija milquta minn difett serju illi kien mistur fiż-żmien tal-bejgħ, liema difett inaqqas il-valur tal-vettura b'mod illi l-atturi ma kinux jixtruha bil-prezz miftiehem li kieku kienu jafu b'tali difett; (v) sabet li l-imħarrkin huma responsabbli li jroddu lura lill-atturi parti mill-prezz tal-bejgħ; (vi) illikwidat l-ammont li għandu jintradd lura lill-atturi fis-somma ta' għaxart elef u tnejn u sittin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€10,062.89); (vii) ikkundannat lill-imħarrkin iħallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' għaxart elef u tnejn u sittin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€10,062.89); u (viii) ordnat li l-imħarrkin iħallsu l-ispejjeż;

2. Fl-att li bih fetħu l-kawża, l-atturi talbu li l-ewwel Qorti ssib li l-vettura mertu tal-kawża milquta minn difett gravi li ma kienx jidher fiż-żmien tal-bejgħ, liema difett inaqqas il-valur tagħha tali li l-atturi ma kinux jixtruha bil-prezz miftiehem kieku kienu jafu bih. Talbu li l-imħarrkin jinstabu responsabbli għal dan it-telf, u li jiġu kkundannati jħallsu l-ammont likwidat;

3. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin kienu qajmu l-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' kompetenza tal-qorti '*ratione valoris*', liema eċċezzjoni ġiet miċħuda b'sentenza preliminari tat-30 ta' Novembru, 2006. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li, fil-waqt tal-bejgħ, il-vettura ma kellha ebda difett gravi jew moħbi. Qalu wkoll li l-ħames talba hija bla bażi legali billi l-azzjoni attriċi hija waħda stimatorja u mhux redibitorja;

4. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni, l-ewwel Qorti qieset dan li ġej, wara li ġabret fil-qosor ix-xhieda mogħtija quddiemha:

> "L-atturi ipprezentaw seba' dokumenti mac-citazzjoni, u cioe':
>
> "1. Kopja tal-kuntratt ta' xiri tal-'coach' mertu tal-kawza (Dok. A);
> "2. Rapport imhejji mill-'motor damage assessor' Natalino Agius datat 11 ta' Jannar 2005 (Dok. B);
> "3. Rapport iehor imhejji mill-'motor damage assessor' Natalino Agius wara access li sar fid-9 ta' Marzu 2005 (Dok. C);
> "4. Ittra mibghuta mil-Avukat Antoine Naudi fl-14 ta' April 2005 (Dok. D);
> "5. Ittra mibghuta mil-Avukat Antoine Naudi fit-22 ta' Gunju 2005 (Dok. E);
> "6. Ittra mibghuta mil-Avukat Antoine Naudi fit-22 ta' Jannar 2005 (Dok. F); u
> "7. Kopja tal-'log book' tal-vettura mertu tal-kawza (Dok. G).
>
> "Illi wara laqgha li saret il-Qorti fil-presenza ta' l-Avukati rispettivi tal-partijiet, sar access fid-9 ta' Marzu 2005 fil-presenza tal-partijiet u s-'surveyors' taghhom fejn tnehhiet il-'windscreen' miksura tal-vettura in ezami u skond l-attur rrizulta illi l-vettura kellha difett gravi u mohbi, kif jidher mit-tieni rapport imhejji minn Natalino Agius (Dok. C). Dan ir-rapport intbaghat lill-konvenuti flimkien ma' ittra mibghuta mill-Avukat ta' l-attur (Dok. D). Illi kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn l-Avukati rispettivi tal-partijiet izda ma sehh l-ebda ftehim (Dok. D u Dok E).
>
> \- Omissis -
>
> "Ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u cioe' l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti 'rationae valoris', din l-Qorti

rat s-sentenza moghtija fit-30 ta' Novembru 2006 li permezz taghha cahdet din l-ewwel eccezzjoni u ddikjarat li ghandha kompetenza biex tkompli tisma' din il-kawza.

"Il-Qorti tghaddi biex tezmaina t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti**,** u cioe li **"**t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress illi l-'coach' in kwistjoni, mibjugh u konsenjat mas-sena qabel l-allegat incident, kien fil-mument tal-bejgh liberu minn kull difett gravi u mohbi;"

"L-atturi invokaw l-Artikolu 1427 tal-Kap. 16 sabiex jitolbu illi waqt illi jzommu l-vettura in kwistjoni, jinghataw lura parti mill-prezz li hallsu ghall-istess, liema ammont ghandu jigi stabbilit minn din il-Qorti.

"Din l-azzjoni maghrufa bhala l-**Actio Aestimatoria** tista' tingieb fil-kazijiet ikkontemplati fl-Artikoli 1424 u 1426 tal-Kap. 16. L-Artikolu 1424 lijipprovdi illi:

> **"Il-Bejjiegh u obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom."**

"Fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Gerada v Salvu Attard Appell Kummerċjali,** deciz fis-**6 ta' Novembru 1959**, gie ritenut illi:

> **"kwindi l-garanzija li l-venditur ghandu jaghti lill-kompratur hija ghall-vizzji jew difetti gravi, okkulti u pre-ezistenti."**

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **Francis Mercieca vs UCIM Holding Co. Ltd**. **Prim' Awla tal-Qorti Civili,** deciza fit-**3 ta' Gunju 2008** per Onor Imhallef Dr. A. Lofaro, gie ritenut illi:

> **"biex ikun hemm lok ghall-azzjoni tax-xorta li qeghdin jezercitaw l-atturi jrid ikun hemm vizzju ta' certu gravita'. B'vizzju jew difett wiehed ghandu jifhem kull anormalita' jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija, li tigi riskontrata fil-haga, u li, aktar jew anqas, tnehhilha l-attitudini ghall-uzu jew il-bonta' u l-integrita' taghha."**

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **David Debono et vs Carmelo Cutajar et** deciza fil-**5 ta' Ottubru 2001** gie ritenut:

> **"Sabiex il-venditur ikun jista` jezimi ruhu mir-responsabbilta' ghal difetti fil-haga mibjugha ezistenti fil-mument tal-bejgh huwa mehtieg illi d-difetti jkunu apparenti u cioe' li x-xerrej seta' jiskopri d-difetti wahdu. Il-ligi ma tirrikjedix fix-xerrej xi diligenza jew attenzjoni straordinarja, izda biss diligenza u attenzjoni ordinarja. Il-vizzju mhuwiex wiehed mohbi fejn ix-xerrej jista' jinduna bih bi ftit attenzjoni u bi ftit ezami."**

"B'referenza ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u cioe' li x-xarabank kienet, fil-mument tal-bejgh, libera minn kull difett gravi u mohbi, l-Perit Tekniku ghamel referenza ghax-xhieda ta' Frans Attard, li hadem fuq il-'coach' meta nkiser il-'windscreen':

> **"Il-windscreen inkiser fuq in-naha tax-xellug tax-xufier. Meta gabuli it-trakk irrizulta li kien jidhol l-ilma mill-windscreen u meta qlajna l-lasktu tal-windscreen sibna li kien hemm nofs pulzier laxk. Gie irrangat id-difett u x-xoghol sar skond is-sengha, filfatt wara erba' snin il-windscreen ghadu shih u ma tahx problemi iktar.**
>
> **"Irrid nghid li biex irrangajtu domt mhux hazin. Meta qlajt il-hgiega, qabel ergajt poggejtha, gie is-Surveyor li kien imqabbad minn Victor, sid it-trakk, biex jara x-xoghol u jara d-difett. Ma ghadda l-ebda kumment u qalli biex inwahhal il-windscreen. Meta qlajt il-windscreen jien u ergajt ghamiltu, il-windscreen ma ghamiltlux sealer ghax ix-xoghol kien tajjeb u s-sealer jintuza meta jkun hemm bzonn. Nghid ukoll li sa issa ma qalulix li qed jidhol l-ilma u dan ifisser li ma hemmx problemi. Kieku kien hemm il-problemi, f'erba' snin kienu jidhru."**

"Di piu', Frans Attard, inkarigat mit-tiswijja tal-'coach', ikkonferma illi meta poggew il-'windscreen' mall-frame, kien hemm il-laxk u minn naha ta' fuq ma kienx 'face to face' mal-hgiega. Irrizulta mill-fatt li l-'frame' ma kienx simetriku. Id-difett kien fl-istruttura tal-'coach'.

> **"<u>Dan huwa difett li ma tarahx b'daqqa ta' ghajn</u>. Jien li ghandi din l-esperjenza kollha wkoll ma kontx ninduna b'dan id-difett. Mistoqsi jghid jekk kienx jixtri din il-vettura li kieku kien jaf b'dan id-difett, nghid li le..."**

"Zied li fl-opinjoni tieghu, il-fatt illi saru diversi xoghlijiet fuqu, ikun aktar difficli biex l-istess vettura tinbiegh. Ix-xoghol li kien ghamel hu kien fuq il-'construction' u cioe' l-'mounting' tal-vettura u mhux fuq il-hgiega.

"Il-konsegwenzi ta' mounting hazin kien li jista' jidhol l-ilma u fejn il-lasktu ma jkunx imwahhal tajjeb, l-hgiega ma tkunx imwahhla sew u tista' tilghab.

"Il-Perit Legali ikkonsidera x-xhieda ta' Natalino Agius, fejn sostna illi d-difett kien fl-istruttura tal-'coach' u kien ser jonqos il-valur tal-istess 'coach' b'ghaxra fil-mija u dan b'mod minimu. Apparti dan qal li hemm l-ispejjez tal-hgiega kif ukoll l-ispejjez tax-xoghol.

"Natalino Agius kien zied jghid li sar mudell u tkejjel il-'frame' minn naha ta' isfel mix-xellug ghal-lemin fid-dawra fejn kellhom l-izjed dubju **u dawn il-partijiet ma kenux jaqblu. <u>Id-dawra tax-xellug kienet aktar maghluqa mid-dawra tal-lemin u dan dejjem fil-parti t'isfel.</u>**

"**Hu qal li meta x-xoghol kien gie msewwi, il-hgiega qaghdet ezatt mal-frame.**

"Il-Perit Tekniku, wara l-konsiderazzjonijiet tieghu, **ikkonkluda illi d-difett kien fil-frame tal-'coach' u kien difett wiehed mohbi.**

"Ghalhekk ikkonkluda illi l-prezz tal-'coach' **"ghandu jigi iddiprezzat bi tmienja fil-mija u mhux b'aktar, meta tqis illi x-xoghol sar b'certu sengha, mehud kont ukoll li f'erba' snin ix-xoghol ma ta l-ebda problema."**

"Illi in oltre, dan id-difett fil-'frame' tal-'coach' gie affermat minn Philip Zammit meta sostna illi problema fil-'coach' kienet fis-sens illi meta tpogga l-'windscreen' ta' quddiem fuq il-'frame' tieghu, dan ma qaghadx sew 'l ghaliex fil-parti tax-xellug t'isfel kien hemm fetha sostanzjali; li din kienet tinghalaq billi jitressaq il-'windscreen'; kienet tinfetah min-naha l-ohra.

"Il-konvenuti sostnew illi l-ispazju jew fetha li kien hemm bejn il-'windscreen' u l-'frame' qabel ma saru x-xogholijiet kien biss 'tolerance' normali u accettabli. F'dan ir-rigward Mario Magri spjega illi t-'tolerance' hija kemm laterali u kif ukoll 'il barra u ghalhekk it-'tolerance' hija dejjem wahda.

"Il-Qorti taghraf pero' illi din ix-xhieda hija kontradetta mix-xhieda ta' Philip Zammit li spjega illi t-'tolerance' tkun laterali u mhux b'mod li l-hgiega tohrog 'il barra mill-'frame'.

"Illi kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, fis-sens illi setghet facilment titwahhal

'windscreen' gdida minghajr bzonn ta' ebda alterazzjonijiet fil-vettura mertu tal-kawza, Philip Zammit ikkonferma dak li qalu Frans Attard u Natalino Agius, **u cioe' illi din il-problema ma kienetx tissolva sempliciment billi jitwahhal 'windscreen' gdid u li kieku twahhlet hgiega gdida minghajr ma jsiru l-ebda alterazzjonijiet fil-vettura din kienet addirittura tkun ta' periklu.**

"Fil-fatt mix-xhieda ta' Victor Mifsud, Frans Attard u Philip Zammit, jirrizulta illi wara li saru x-xogholijiet minn Frans Attard, **il-hgiega qaghdet sew fuq il-'frame', ma regghetx inkissret u ma dahalx aktar ilma.**

"Il-Qorti qieset ukoll dak sollevat mill-konvenuti meta sostnew illi l-hgiega nkissret b'rizultat ta' daqqa fuq il-'windscreen' jew fuq il-lastku taghha u mhux b'rizultat ta' xi difett fil-vettura. F'dan ir-rigward Mario Magri xehed illi l-hsara kienet rizultat ta' 'impact crack' u mhux 'stress crack' u dan ghaliex il-qasma fil-hgiega kienet fil-forma ta' stilla li hija komuni meta jkun hemm impatt. **Pero' dan ix-xhud stess stqarr illi ma ra l-ebda tixlif jew sinjali ta' daqqiet jew makkjaturi fuq il-hgiega.** Dan gie kkonfermat minn Philip Zammit li, ghalkemm m'eskludix illi l-hgiega setghet tinkiser b'daqqa ta' ponn tajba fuq il-lasktu, **xehed illi ma deher li kien hemm l-ebda daqqa jew makkjatura fuq il-hgiega u lanqas fuq il-lasktu.**

"Il-Qorti mbaghad rat u ezaminat il-perizja addizzjonali tal-Periti Perizjuri, li ikkonkludew illi ghalkemm ma jistax jigi eskluz li meta x-xarabank kien gie misjuq f'toqba fit-triq ma kienetx il-kawza diretta tal-hsara fil-'windscreen', li anke forsi setghet accellerat il-mod ta kif ixaqqaq il-'windshield', il-forma kif irrizultat lill Periti Teknici hija t'ghamla u forma konsonanti ma daqqa esterna, u certament ma tistax tigi attribwita ghal difett fid-disinn, difett fil-'windshield' jew ghal mod kif giet manifattura ix-xarabank u li semmai kieku kien hemm kuntatt bejn il-'frame' u l-'windscreen', l-possibilta kienet li l-windscreen kienet tixxaqqaq mill-'layer' ta gewwa.

"Il-Qorti taghmel accenn ghall-insenjament maghmul mill-Qrati taghna fejn si tratta ta' konkluzjonijiet peritali u cioe':

> "kif pacifikament assodat f'bosta decizjonijiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi **"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-**

> **aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",** Appell 29 ta' Mejju 1998). **"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."** Appell 6 t'Ottubru 1999; **"John Saliba –vs- Joseph Farrugia",** Appell, 19 ta' Novembru 2001);"

"Din il-Qorti wara ezami intensiv tax-xhieda kollha prodotta, inkluz il-Perizja Teknika ta' Bonello u dik tal-Periti Perizjuri, taghraf illi hemm ragunijiet impellanti li tikkonvinciha titbieghed mir-rizultanzi raggunti mill-Periti Perizjuri.

"Il-Qorti taghraf illi il-Periti Perizjuri jidher illi **setghu biss jinspezzjonaw il-'windsreen**', 'l ghaliex il-'frame' tal-'coach' **kien diga mmodifikat u riparat minn Frans Attard.** Illi di piu' hemm diversi xhieda u nies teknici illi **ikkonfermaw illi ma kienx hemm tixlif jew sinjal ta' daqqiet jew makkjaturi fuq il-hgiega (windscreen).** Dan gie **konfermat mill-istess Inginier Mario Magri** fir-rapport tieghu u fix-xhieda tieghu a fol. 38 meta stqarr :

> **"Jiena fuq il-hgiega ma rajt ebda tixlif jew sinjali ta' daqqiet jew makkjaturi."**

"Illi di piu', kif tajjeb jirrelataw l-istess Periti Perizjuri, impatt fuq il-'windsreen' ihalli xquq li jinfirxu mill-punt tal-impatt 'l barra **forma ta' stilla**, waqt illi "a stress crack originates on one point of the windsreen and runs perpendicular to the glass edge." Illi skond l-istess Periti Perizjuri **"it-tixqieq tal-'windsreen' jinfirex perpendikulari."**

"Ghaldaqstant din il-Qorti tqis illi in vista ta' dana kollu u b'mod specjali ghal fatt illi l-Periti Perizjuri kienu prekluzi milli jispezjonaw il-'frame' tal-'windscreen' tal-'coach' (fejn fil-fatt irrizulta d-difett okkult) qabel ma sar ix-xoghol ta' tiswija, hija ghandha tistrieh fuq ir-rezultanzi tal-Perit Tekniku Bonello.

"**Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma illi fil-mument tal-bejgh, kien jezisti difett gravi u mohbi fil-vettura mertu tal-kawza.**

"Ghaldaqstant, tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **Martin Bajada vs Anthony Paul Demajo noe** deciza mill-**Qorti tal-Kummerc**, fis-**7 ta' Novembru 1988** gie ritenut:

> **"Illi fil-kaz ta' l-actio aestimatoria, il-Qorti ghandha tistabbilixxi x'ammont anqas kien ihallas ix-xerrej li kieku, fil-mument tax-xiri, kien jaf bid-difett. Din hi materja pjutost soggettiva u fl-istess hin mhux bilfors tkun involuta l-ispiza necessarja ghar-rimedju tad-difett meta jinkixef. Ir-ricerka li ghandha taghmel il-Qorti hija necessarjament u unikament relatata ghaz-zmien li fih sar il-kuntratt tax-xiri. Il-kriterju sostanzjali skond l-artikolu 1424 tal-Kodici Civili huwa: li kieku x-xerrej kien jaf bid-difett dakinhar li resaq ghall-kuntratt, kemm kien joffri prezz anqas milli hallas?"**

"Din il-Qorti, waqt li tabbracca l-konkluzjoni tal-Perti Bonello u l-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea, tikkonkludi illi l-prezz tax-xiri tal-vettura mertu tal-kawza, ghandu jigi ddiprezzat bi tmienja fil-mija (8%). Jirrizulta mill-kuntratt ta' xiri tal-vettura (Dok. A a fol. 5 tal-process), illi x-xarabank inxtrat mill-atturi bil-prezz kumplessiv ta' Lm54,000.

"Illi 8% ta' Lm54,000 jammonta ghal Lm4,320, li hu ekwivalenti ghal ghaxart elef u tnejn u sittin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€10,062.89).

"Il-Qorti tghaddi biex tezamina it-tielet eccezzjoni tal-konvenut u cioe'li : "il-hames talba attrici hija bla ebda fundament legali peress illi l-atturi qed jistitwixxu l-azzjoni stimatorja u mhux l-azzjoni redibitorja."

"Illi permezz tal-hames talba taghhom, l-atturi talbu wkoll illi jithallsu mill-konvenuti ghall-ispejjez kollha relatati mal-bejgh tal-vettura. Min-naha taghhom, il-konvenuti jeccepew illi din it-talba ma tistghax tingieb flimkien ma' l-Actio Aestimatoria.

"Illi fis-sentenza fl-ismijiet **David Debono et vs Carmelo Cutajar et** Prim' Awla tal-Qorti Civili, deciza fil-**5 ta' Ottubru 2001** (Cit. Nru. 528/94 NA) din il-materja giet studjata estensivament:

> **"Illi l-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-materja li kienet giet minnha ezaminata fil-kawza "Carmelo sive Charles Degiorgio vs Carmelo Desira" (Prim' Awla - Cit. Nru: 204/89 - deciza fit-30 ta' Marzu 1998). L-Artikolu rilevanti huwa s-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 1429 tal-Kodici Civili li jipprovdi:**
>
> **"Jekk il-bejjiegh kien jaf bid-difett tal-haga mibjugha, hu obbligat mhux biss li jrodd il-**

> **prezz li jkun ircieva izda wkoll li jhallas id-danni lix-xerrej."**
>
> **“Fl-ewwel lok huwa ta’ min jinnota illi sew dan is-sub-artikolu u dak sussegwenti s-sub-artikolu (2) (fejn allura l-bejjiegh ma kienx jaf bid-difetti tal-haga) jitkellmu fuq ir-radd tal-prezz li fl-Artikolu 1427 ta' l-istess Kodici Civili huwa msemmi biss fir-rigward ta' l-actio redibitoria. Bl-actio stimatoria fejn ix-xerrej jaghzel li jzomm il-haga, l-kliem uzat mil-ligi mhux "li jrodd il-prezz li jkun ircieva" (Artikolu 1429 tal-Kodici Civili), izda li "jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti" (Artikolu 1427 tal-Kodici Civili).”**

“Fil-kawza fuq citata, din il-Qorti kienet osservat illi x-xerrej skond l-Artikolu 1427 **ghandu x-xelta** ta’zewg linji t’azzjoni. Maghmula din ix-xelta pero:

> **“ma ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej drittijiet u lill-venditur imposti oneri akbar minn dawk indikati mil-ligi."** (vide ukoll "**Scicluna vs Scerri**" - **16 ta' Jannar 1958**).

“Infatti f'din is-sentenza tal-Prim'Awla **"Scicluna vs Scerri**" gie ritenut illi:

> **“B'mod li jekk wiehed jixtri fond u jsiblu difetti fil-bini tal-hitan, huwa jista' jagixxi biex tigi rizolta l-vendita', billi jaghti lura l-fond u jiehu lura l-prezz, jew izomm il-fond u jitlob lura parti mill-prezz; imma ma jistax jippretendi li jzomm il-fond u li jigu mill-venditur riparati dawk il-hitan."**

“Ezami ta' din is-sentenza u tad-dottrina fil-materja kienu wasslu lil dik il-Qorti tikkonkludi:

> **“Finalment id-dottrina ezaminata mill-Qorti hija konformi ma' l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artikolu 1429 (1) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16. Dan l-Artikolu, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa sufficjentement car biex jeskludi l-applikazzjoni tieghu fejn l-attur ikun ghazel l-"actio aestimatoria". Ir-radd tal-prezz li l-venditur ikun rcieva msemmija fil-ligi m'ghandux ihalli dubbju li d-danni fil-kaz tal-mala fede tal-venditur**

> **japplikaw biss fil-kaz ta' l-"actio redibitoria". Il-gustizzja hekk ukoll tirrikjedi ghax altrimenti l-kompratur izomm il-haga, inaqqas il-prezz taghha u jithallas ukoll id-danni! Taht din il-konsiderazzjoni ghalhekk huwa irrilevanti jekk il-konvenut kienx in mala fede u l-attur, maghmula x-xelta, ma kellux dritt imbaghad ighaddi ghat-talbiet l-ohra rigwardanti d-danni."** [Vide "**Carmelo sive Charles Degiorgio vs Carmelo Desira**" deciza fit-**30 ta' Marzu 1998** (Prim'Awla - Cit. Nru: 204/89 -)].

"Fuq l-insenjament tal-gurisprudenza indikata, din il-Qorti tqis illi l-hames talba tal-atturi ghandha tigi michuda u b'hekk tilqa' it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti.

"Skond dak ukoll ritenut fis-sentenza fuq citata **David Debono et vs Carmelo Cutajar** et, Ibid:

> **"Minkejja li gew michuda tnejn mit-talbiet attrici l-Qorti jidhrilha illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom xorta jithallsu kollha solidalment mill-konvenuti peress illi kien unikament l-agir taghhom li wassal ghal din il-kawza filwaqt illi t-tielet u r-raba' talba attrici huma sekondarji ghall-meritu tal-kawza."**

"Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni in vista tas-sentenza tat-30 ta'Novembru 2006, tichad it-tieni eccezzjoni u tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel erba' talbiet attrici b'dan illi tiddikjara illi l-vettura cioe''coach' mibjugh mill-konvenuti lill-atturi hija milquta minn difett gravi illi ma kienx jidher fiz-zmien tal-bejgh, liema difett inaqqas il-valur tal-vettura b'mod illi l-atturi ma kienux jixtru bil-prezz miftiehem kieku kienu jafu b'tali difett, tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli illi jroddu lura lill-atturi parti mill-prezz ta' l-akkwist; tillikwida dik il-porzjon tal-prezz tal-vettura cioe' 'coach' illi l-konvenuti huma responsabbli li jroddu lura lill-atturi fl-ammont ta' ghaxart elef u tnejn u sittin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€10,062.89) u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi is-somma ta' ghaxart elef u tnejn u sittin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€10,062.89).

"Bl-ispejjez kontra il-konvenuti";

5. L-imħarrkin (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") appellaw mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tat-3 ta' Novembru, 2014, u għar-

raġunijiet hemm imsemmija, talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu astjeniet milli tieħu qies ulterjuri ta' l-ewwel eċċezzjoni in vista tas-sentenza tat-30 ta' Novembru, 2006, u in kwantu laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-appellanti, tħassarha, tirrevokaha u tannullaha f'dawk il-partijiet l-oħra billi tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' l-aggravji u l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-esponenti appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi;

6. Illi l-atturi ma ressqu ebda tweġiba għar-Rikors ta' l-Appell tal-appellanti;

7. Illi b'digriet tat-12 ta' Mejju, 2017, il-Qorti laqgħet it-talba mressqa mill-intimati appellanti aħwa Spiteri sabiex il-ġudizzju tal-kawża jiġi trasfuż fil-persuna tagħhom u jissoktaw il-kawża minflok il-mejjet missierhom;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tal-14 ta' Jannar, 2020, u kif ukoll id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-6 ta' Lulju, 2020, li ma kellhomx sottomissjonijiet oħrajn x'iressqu lill-Qorti u li din il-Qorti kif rikomposta setgħet tgħaddi għall-għoti tas-sentenza;

9. Rat l-atti kollha tal-kawża;

10. Rat id-digriet tagħha li bih ħalliet l-appell għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

11. Illi din hija azzjoni stimatorja. Bl-azzjoni tagħhom, l-atturi appellati, jgħidu li l-vettura li huma xtraw mingħand l-imħarrkin kellha difett moħbi li ma kinux jafu bih dakinhar li xtrawha u li, kieku kienu jafu bih, ma kinux iħallsu l-prezz li ħallsu biex kisbuha. Jitolbu li jintraddu lura parti mill-prezz tal-bejgħ, kif ukoll l-ispejjeż li nefqu u li kellhom x'jaqsmu mal-bejgħ tal-imsemmija vettura. L-ewwel Qorti, filwaqt li laqgħet uħud mill-eċċezzjonijiet imressqa mill-appellanti, laqgħet l-ewwel erba' talbiet attriċi, sabet lill-appellanti responsabbli, u ordnatilhom iħallsu lill-atturi appellati l-ammont ta' għaxart elef u tnejn u sittin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu. L-appellanti ħassew irwieħhom aggravati mis-sentenza appellata u ressqu appell għar-raġunijiet li ssemmew qabel;

12. Illi fl-appell tagħhom, l-appellanti jgħidu li mill-provi mressqa, l-ewwel Qorti ma kellhiex tasal għall-fehma li fil-waqt tal-bejgħ kien jeżisti difett fil-vettura mibjugħa. Jgħidu wkoll li l-ewwel Qorti ma messhiex skartat ir-rapport tal-Periti Addizzjonali, maħtura minnha stess, li bih waslu għall-fehma opposta minn dik li għażlet li toqgħod fuqha l-ewwel Qorti;

13. Illi għar-rigward tal-**ewwel parti tal-aggravju**, l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti ma setgħetx issib li l-vettura kellha difett mistur. Jidhrilhom li dak li l-atturi jqisuh bħala 'difett', huwa biss spazju jew laxk ta' ftit millimetri bejn il-*windscreen* u l-*frame*, liema spazju ġie ċċertifikat mill-kumpanija li immanifatturat il-vettura bħala wieħed aċċettabbli. Itennu li, minkejja li l-atturi jistqarru li l-*frame* li fih kienet tinżamm il-*windscreen* huwa difettuż, l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw li dan huwa minnu. Itennu li l-fatt li l-ħsara fil-*windscreen* tirriżulta fuq in-naħa ta' barra tagħha hija prova li tixhed li ma kien hemm ebda kuntatt bejn il-*frame* u l-*windscreen* għaliex li kieku dan kien minnu, kienet twassal għall-ħsara fuq in-naħa ta' ġewwa tal-*windscreen*;

14. Illi minkejja li l-atturi appellati ma ressqu ebda tweġiba għall-appell tal-esponenti, waqt it-trattazzjoni quddiem il-Qorti jgħidu li d-difett fil-*windscreen* ippersista minkejja l-interventi ta' tiswija li saru fil-vettura;

15. Illi l-aggravju li l-Qorti għandha quddiemha ma huwiex biss marbut mal-apprezzament ta' provi, iżda fuq kollox fih apprezzament ta' punti legali billi l-Qorti trid tqis, qabel kollox, jekk huwiex minnu li l-vettura li l-appellati xtraw mingħand l-appellanti kellhiex fil-fatt difett mistur, kif l-ewwel Qorti sabet li kien il-każ;

16. Illi jingħad mill-ewwel li, minn kliem il-liġi, mhux kull difett jgħodd biex isejjes l-azzjoni. Ibda biex, irid ikun difett li ma jkunx jidher fil-waqt li jkun sar il-bejgħ[2]. Minbarra dan, irid ikun ukoll nuqqas li jagħmel il-ħaġa mixtrija mhux tajba għall-użu li għaliha nxtrat jew li jnaqqas hekk il-valur tagħha li x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz anqas li kieku kien jaf bih;

17. Illi biex nuqqas f'ħaġa jitqies bħala difett għall-finijiet tal-azzjoni estimatorja, jeħtieġ li jkun "*annormalità jew imperfezzjoni, gwast jew avarija li tiġi riskontrata fil-ħaġa u li, aktar jew anqas, tneħħilha l-attitudini għall-użu jew il-bonta' jew l-integrita' tagħha*"[3]. Minbarra dan, dawk il-vizzji jridu jkunu gravi u kienu jinsabu fil-ħaġa mibjugħa sa minn qabel il-bejgħ u baqgħu hekk jeżistu fil-waqt tal-bejgħ. Fuq kollox, dawk id-difetti jridu jkunu tali li x-xerrej ma setax jintebah bihom meta jagħmel eżami serju u għaqli tal-ħaġa meqjusa l-ħila u l-għarfien tiegħu fiċ-ċirkostanzi[4];

18. Illi huwa stabilit ukoll li l-piż tal-prova li d-difett kien wieħed moħbi jaqa' fuq l-attur xerrej u, jekk ikun hemm dubju, dan imur favur il-bejjiegħ imħarrek[5];

---

[2] P.A. NC **23.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Mifsud et v. Joseph Sant et*** (mhix appellata)
[3] App. Ċiv. **29.1.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ v. Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.279**)
[4] P.A. **4.11.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Moore noe v. Falzon et*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1134**)
[5] P.A. NC **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mark Farruġia et v. Michael Arthur Williams et*** (mhix appellata)

19. Illi min-naħa l-oħra, skond il-Kodiċi Ċivili, il-bejjiegħ għandu fuq kollox żewġ obbligi, jiġifieri, li jikkunsinna u li jiggarantixxi l-ħaġa mibjugħa[6]. Il-garanzija hija għall-pussess paċifiku u għad-difetti li ma jidhrux[7]. Dejjem skond l-istess Kodiċi, difetti li jidhru huma dawk li x-xerrej seta' jsir jaf bihom waħdu[8]. L-obbligu tal-garanzija għalhekk hija fuq il-bejjiegħ, u mhux fuq ix-xerrej, li ħlief għaċ-ċirkostanzi li jidhru *ictu oculi* għandu dritt li jħalli f'idejn il-bejjiegħ dwar il-vijabilita` tal-oġġett[9];

20. Illi dwar x'livell ta' attenzjoni għandu jieħu x-xerrej biex jistabbilixxi x'difetti jista' jkollha l-ħaġa li jkun qiegħed jixtri, id-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna jistabilixxu li huma difetti li jidhru dawk li "*il compratore avrebbe potuto conoscere a semplice ispezione, e non quelli che non potrebbero essere conosciuti che mediante prova ed indagini minute*"[10]. Hekk ukoll ingħad li "*Il-vizzju huwa okkult (redibitorju) meta x-xerrej, b'diliġenza ordinarja u* ***waħdu*** *ma jkunx jista' jiskopri d-difetti. Meta l-ħaġa mibjugħa timmanifesta għax-xerrej* ***ordinarjament attent*** *difett jew traċċi li jindikaw l-eżistenza tad-difett, allura l-vizzju jkun wieħed apparenti. Il-ġudikant ikun irid jagħmel apprezzament taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fosthom dawk taż-żmien, tal-post u tal-persuni nvoluti*"[11];

---

[6] Art. 1378 tal-Kap 16
[7] Art. 1408 u 1424 tal-Kap 16
[8] Art. 1425 tal-Kap 16
[9] P.A. TM **20.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Barbara v. Joseph Camenżuli et*** (mhix appellata)
[10] Kumm. **1.6.1901** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ v. Souaya (*** Kollez.Vol: **XVIII.iii.38**)
[11] Kumm. **6.11.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Schembri v. Aquilina noe*** (Kollez. Vol: **LXXI.iv.758**); App. Ċiv. **3.12.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Pierre Vella Petroni v. Joseph Oliver sive Oliver Ruġġier*** (mhix pubblikata)

21. Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*Sabiex jiġi deċiż f'kull każ jekk il-vizzju jew difett fil-ħaġa mixtrija jkunux apparenti jew okkulti, dan il-fatt jiddependi mill-kriterju ta' l-apprezzament tal-fatti u taċ-ċirkustanzi taż-żmien, post, mod u persuna li neċessarjament irid ikun imħolli fl-ekwità u l-buon sens tal-ġudikant*"[12];

22. Illi meta wieħed iħaddem il-kriterji hawn fuq mistħarrġa maċ-ċirkostanzi tal-każ li l-Qorti għandha quddiemha, għandu joħroġ li meta l-atturi appellati xtraw il-vettura in kwistjoni, il-*windscreen* tal-vettura kienet tajba u ma kien hemm l-ebda ħjiel ta' xi difett fiha. Minbarra dan, il-vettura nstaqet fit-triq għal numru ta' xhur bla ma ġara xejn. Meta xxaqqet il-*windscreen*, fuq qbil bejn il-partijiet u fil-preżenza ta' nies tekniċi, il-*windscreen* inqalgħet minn mal-*frame* biex tkun spezzjonata minn min jifhem. Kien f'dan l-istadju li l-qies tal-problema seta' jkun mistħarreġ. Fih innifsu dan ma jħalli l-ebda dubju li n-nuqqas li ħareġ fil-vettura ma kienx jidher fil-mument li nxtrat il-vettura u ħareġ biss wara l-inċident;

23. Illi fil-parti tal-aggravju fejn l-appellanti jikkontestaw l-apprezzament tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha, ngħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali

[12] P.A. **10.7.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Bezzina et v. Bonniċi et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.612**)

jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[13]. Iżda, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[14];

24. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis l-aggravju tal-appellanti. Mill-atti jirriżulta li mix-xhieda ta' Frans Attard[15], il-persuna li sewwiet il-vettura, u mir-rapport imħejji mis-Surveyor Natalino Aġius[16], li wkoll kien preżenti meta l-*windscreen* inqalgħet minn

[13] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius v. Piju Theuma***
[14] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***
[15] Ara x-xhieda ta' Frans Attard f'paġġ. 72 sa 73 tal-proċess, u f'paġ.81 sa 82 tal-proċess
[16] Dok. "B" u Dok. "C" f'paġġ. 6 sa 16 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda mogħtija minn Natalino Aġius f'paġġ.75 sa 79 tal-proċess

postha ħalli jeżaminawha, ħareġ li d-difett ma kienx fil-*windscreen* tal-vettura iżda fil-*frame* li kien qed iżomm l-istess *windscreen*, tant li meta saru l-aġġustamenti fil-*frame* u laqa' fih ħġieġa ġdida, il-*windscreen* żammet u ma reġgħux inqalgħu problemi. Fil-fehma tal-Qorti, għaldaqstant, ma ntweriex li l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti kien wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali;

25. Illi l-kwistjoni pjuttost partikolari li tqum f'din il-kawża tirriżulta mill-fatt li l-ewwel Qorti kellha quddiemha żewġ rapporti tekniċi mħejjija minn persuni li ħatret hi stess biex jassistuha, iżda li waslu għal fehmiet li ma jaqblux. L-ewwel perit li ħatret l-ewwel Qorti, il-perit tekniku Peter Bonello, f'rapport konġunt li għamel mal-perit legali[17], wasal għal fehma li t-tiġrib li ġarrbu l-atturi appellati kien dovut għal difett fil-vettura, liema difett ma kienx jidher fil-mument tal-akkwist. Fir-rapport, il-perit tekniku ta piż kemm lis-sejbiet ta' Attard kif ukoll lil dawk ta' Aġius. Qies ukoll il-fehmiet tal-inġinier Magro[18] li, minkejja li ma qabilx mal-konklużjonijiet tas-*surveyor* Aġius, jistqarr li ma sab ebda daqqiet jew tgħattin[19];

26. Illi, min-naħa l-oħra, il-periti addizzjonali maħtura mill-ewwel Qorti waslu għall-istess fehma bħall-inġinier Magro, fosthom li l-ħsara fil-vettura

[17] Ara r-Rapport tal-Perit Legali l-Avukat Dr Ian Vella Galea u tal-Perit Tekniku Peter Bonello f'paġġ. 191 sa 209 tal-proċess
[18] Ara r-rapport tal-Inġ. Magri f'paġ. 84 sa 87 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda tal-Inġ. Magri mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 138 tal-proċess

ma tistax tiġi attribwita għal difett fid-disinn, difett fil-*windscreen* jew għal mod kif ġiet manifattura l-vettura[20];

27. Illi l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti żbajat meta skartat ir-relazzjoni tal-Periti Addizzjonali, imħejjija minn persuni ta' ħila kbira w straħet fuq is-sejbiet ta' espert tekniku b'anqas esperjenza. Jgħidu li r-raġunijiet li l-ewwel Qorti tat biex iġġustifikat l-għażla tagħha mhux ta' min joqgħod fuqhom;

28. Illi għalkemm il-Qorti mhijiex marbuta li toqgħod għall- fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha[21], madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli[22];

29. Illi bl-istess kejl ta' dak li jsawwar l-aspett ta' evalwazzjoni li jikkostitwixxi r-razjoċinju tal-ġudikant, Qorti tista' wkoll tagħmel għażla bejn fehmiet ma jaqblux ta' periti maħturin minnha stess u ma jidhirx li hemm xejra fil-ġurisprudenza li tgħid li l-fehma ta' periti addizzjonali hija tabilfors aqwa u aktar determinanti minn dawk ta' perit wieħed għar-raġuni waħedha li dawn jissejħu "perizjuri". Fil-qofol, dan jidher li huwa

[20] Ara r-Relazzjoni tal-periti tekniċi, Paul Cardona, Paul Ebejer u Vincent E. Ċiliberti f'paġġ. 294 sa 305 tal-proċess
[21] Art. 681 tal-Kap 12
[22] App. Ċiv. **23.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja et v. Muscat et*** (Kollez. Vol: **LI.i.389**)

wieħed mill-argumenti li nqdew bih l-appellanti biex jikkonvinċu lil din il-Qorti taħsibha mill-ġdid dwar il-fehmiet li waslet għalihom l-ewwel Qorti;

30. Illi fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probitorju;

31. Illi din il-Qorti, wara li fliet l-argumenti tal-appellanti, tasal għall-fehma li x-xhieda ta' Francis Attard u Natalino Aġius ma tistax tiġi mwarrba. B'vantaġġ li kemm Attard u kif ukoll Aġius kellhom fuq il-periti addizzjonali mqabbdin mill-Qorti – u liema ċirkostanza tidher li kienet raġuni ewlenija li għaliha l-ewwel Qorti għażlet li toqgħod fuq l-ewwel rapport – dawn tal-aħħar ma kellhomx l-opportunita` li jaraw il-*windscreen* imxaqqaq u b'hekk ifasslu ipoteżi ta' x'seta' wassal għal dan. Għall-kuntrarju, mix-xhieda ta' Attard u Aġius, il-Qorti tara s-saħħa tal-prova attwali li l-appellati kienu mistennija jressqu fl-għamla ta' kawża li fetħu. L-istess xhieda tagħhom kienet biżżejjed biex toħloq is-sisien tal-konvinċiment morali li kienu qegħdin jixhdu s-sewwa. Din hija l-istess fehma li waslet għaliha l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u din il-Qorti, wara li fliet sewwa l-provi mressqa u li jirriżultaw mill-atti tal-kawża, tasal għall-istess fehma wkoll;

32. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti sejra tiċħad l-aggravju tal-appellanti bħala mhux mistħoqq;

***Decide:***

33. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** tal-intimati appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ottubru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi bl-**ispejjeż taż-żewġ istanzi** jitħallsu mill-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr